MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-25 ta' April, 2006

Talba Numru. 1058/2005

**Montaldo Insurance Agency Limited (C 1052) bhala agenti u in rappresentanza tas-socjeta' estera American Home Assurance Company kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Neville Agius u l-istess Neville Agius (ID 007276M)**

**Vs**

**Emanuel Vella (ID 992046M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' erba' mija u disghin lira Maltin u erba' centezmi (Lm490.04c) kwantu ghal erba' mija u hamsa u sebghin lira Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm475.24c) bhala danni kkagunati fil-vettura

ta' Neville Agius b'rizultat ta' incident stradali li sehh fit-12 ta' Dicembru, 2003 fi Triq Manwel Magri, l-Hamrun waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni VFC 374 proprjeta' tieghu stess u dahal fil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni NEV 666 proprjeta' ta' Neville Agius u kwantu ghall-bilanc rapprezentanti prezz ta' *survey* u *police road accident report* riferibbli ghall-istess kollizjoni.

Ra r-Risposta ta' Emanuel Vella li biha wiegeb li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi u dan stante li l-incident in kwistjoni ma sehhx b'xi tort ta' l-eccipjent izda unikament tort ta' Neville Agius u dan minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti da parti tieghu.

Sema' x-xhieda ta' David Debono, Neville Agius, Vanessa Agius u ta' Emanuel Vella.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Nicolai Muscat Farrugia ghall-atturi u ta' Dr Michael Zammit Maempel ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi qabel l-incident iz-zewg vetturi kienu fi Triq il-Kapillan Mifsud, il-Hamrun li hija triq li tigi T-junction ma' Triq il-Kuncizzjoni. Minfejn riedu johorgu l-partijiet hemm Stop Sign u anki hemm splay man-naha tax-xellug.

Qabel ma sehh l-incident iz-zewg vetturi kienu magenb xulxin bil-vettura ta' l-attur man-naha tal-lemin u l-vettura tal-konvenut man-naha tax-xellug, jigifieri dik in-naha l-aktar vicina lejn il-bankina. L-incident sehh billi l-ewwel hareg l-attur biex jikser lejn ix-xellug, ftit wara hareg il-konvenut, ukoll biex jikser lejn ix-xellug, u f'dak il-mument ix-xewka ta' quddiem man-naha tal-lemin tal-vettura tal-konvenut messet il-genb tan-naha tax-xellug tal-vettura ta' l-attur u b'hekk sehhet il-kollizjoni.

L-attur isostni illi qabel l-incident, il-konvenut kien ipparkjat u li fil-fatt qablu kien hemm zewg jew tlett karozzi ohra u hu hareg wara li lahqu hargu dawn iz-zewg jew tlett karozzi ohra. Huwa kien bl-impressjoni li l-konvenut kien ipparkjat fuq id-*double yellow line*. Ikompli jghid illi huwa kien xeghel l-indicator biex jindika li kien bihsiebu jdur lejn ix-xellug.

Il-konvenut xehed illi huwa ma kienx ipparkjat izda huwa kien waqaf fl-inkrocju u kien qed jistenna t-traffiku jghaddi u mbaghad meta t-triq kienet *clear* qabad u hareg izda fl-istess hin harget il-karozza misjuqa mill-attur u ppruvat taqbez minn quddiemu, ossija tissurpassah.

Huwa evidenti li hemm kunflitt fil-verzjonijiet imressqa mill-partijiet.

Bil-mod kif spiccaw iz-zewg vetturi huwa evidenti li kienet il-vettura misjuqa mill-attur li harget l-ewwel u li kienet il-vettura tal-konvenut li harget wara u laqtet il-vettura ta’ l-attur fil-genb. Kieku l-vettura tal-konvenut harget l-ewwel, iz-zewg vetturi kienu jispiccaw genb magenb ma’ xulxin minflok ma’ jahbtu bil-mod kif jidhru li habtu u kif muri fuq l-i*sketch* esebit.

Min johrog minn Stop Sign ghandu joqghod attent li jista’ johrog fuq il-*main road* liberament u minghajr ebda xkiel ghat-traffiku u ghalhekk is-sewwieq huwa obbligat li jhares lejn iz-zewg nahat tat-triq. Huwa evidenti illi meta l-konvenut hareg minn fuq l-iStop Sign, ma kienx qed izomm *a proper lookout* ghax kieku kien qed izomm *a proper lookout* kien jintebah li hemm il-vettura misjuqa mill-attur qeghda taqsam quddiemu.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-attur kien verament qed isuq wara serbut ta’ traffiku u li fil-fatt jirrizulta li l-vettura tal-konvenut kienet wieqfa mal-genb tat-triq u kienet ilha hemm billi lahqu hargu zewg jew tlett karozzi qabel l-attur. Ghalhekk l-attur kien intitolat jasal ghall-konkluzjoni li din il-karozza kienet ipparkjata hemmhekk partikolarment billi

fil-vicinanzi hemm hanut tat-Tivoli u li l-konvenut kien ipparkjat fix-xewka tas-splay.

Illi ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-kawza prossima tal-kollizjoni huwa l-fatt li meta l-konvenut hareg minn fuq l-iStop Sign ma zammx *a proper lookout* u ghalhekk ghandu jbati l-konsegwenzi ta' dan u jerfa' r-responsabbilta' unika tal-kollizjoni.

Ghar-rigward tal-*quantum* tad-danni dawn m'humiex ikkontestati.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-kollizjoni u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta' erba' mija u disghin lira Maltin u erba' centezmi (Lm490.04c) bl-interessi u bl-ispejjez tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------